# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 52/2022**

Data: L-Erbgħa 6 ta' Lulju, 2022

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:
Sur Pierre Dalli – Sindku
Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ray Deguara – Kunsillier
Dr Ryan Ellul – Kunsillier
Sna Toshera Schembri - Kunsilliera
Sur Mario Fava – Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier 6:05pm

Assenti:
Sur Adrian Tanti - Kunsillier

Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

52.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

52.2 MINUTI

52.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

52.4 PURCHASE REQUEST FORMS

52.5 ĦLASIJIET

52.6 FINANZI

52.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

52.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

52.9 FESTA TAL-LOKAL

52.10 KORRISPONDENZA

52.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

52.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

52.13 TRAFFIC MANAGEMENT

52.14 STAFF

52.15 MOZZJONIJIET

52.16 PLANNING AUTHORITY

52.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

52.18 MISTOQSIJIET

52.19 AĠĠORNAMENT

---

Is-Sindku radd is-salib u qal talba. Irringrazzja lill-Viċi Sindku, lill-Kuns C Bonello kif ukoll lill-Kuns A Tanti għall-attivitajiet li ħejjew matul ix-xahar li għadda. Informa lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja tal-Banda San Mikiel tal-koperazzjoni li sab mill-kunsill biex setgħa jittellgħa dan il-kunċert kif ukoll irringrazzjaw lil kull min attenda.

## 52.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**52.1.1** Ma kien hemm l-ebda talba.

## 52.2 MINUTI

**52.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6196/22/8** "Sabiex jigu approvati l-Minuti tal-laqgha 51/2022 bid-data tat-8 ta' Gunju 2022".

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 52.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**52.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 52.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**52.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6197/22/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' Lulju 2022 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 52.5 ĦLASIJIET

**52.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6198/22/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasjiet minn 2/6/22 sa 29/6/22 kif inhu anness". (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**52.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6199/22/8** "Sabiex tiġġedded il-*Group Life Policy* tal-membri eletti mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023 hekk kif indikat f'Ċirkulari AKL2022/064 għall-ammont ta' €585.00"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 52.6 FINANZI

**52.6.1** Is-Sindku ressaq il-*1st Quarter Financial Report* għas-sena 2022 u staqsa jekk kienx hemm mistoqsijet dwaru iżda kulħadd wieġeb fin-negattiv u għaldaqstant ressaq mozzjoni ref: **6200/22/8** "Sabiex jiġi approvat 1st Quarterly Report għas-sena 2022 skont kif anness"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 52.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**52.7.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rigward l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali rċievejna risposta dwar waħda minnhom, fejn ġie kkonfermat li l-kunsill se jkun qed jibbenefika mill-ammont ta' €13, 041.07 għall-attivita' tal-'Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka 2022'.

Il-Kuns C Bonello spjega li l-Kunsil kien issottometta żewġ applikazzjonijiet għal din l-iskema, dik tal-'Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka' u dik tal-'Kunċert tal-Milied'. Kompla jispjega li l-Kunsill kien ġie mitlub jagħti l-preferenzi tiegħu fir-rigward taż-żewġ applikazzjonijiet u peress li l-ammont tal-applikazzjoni tal-'Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka' kien iktar għoli, l-Kunsill kien għażel l-ewwel preferenza fuq din tal-aħħar.

**18:05** Il-Kuns M Lombardo daħal fil-kamra

## 52.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**52.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 52.9 FESTA TAL-LOKAL

**52.9.1** Is-Sindku talab lill-Kuns M Lombardo Kunsillier responsabbli mill-festa tal-lokal sabiex iressaq il-mozzjonijiet li għandu ppreparati relatati mal-festa tal-lokal. Għaldaqstant il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6201/22/8** "Biex issir *follow spot* għal fuq l-istatwa waqt il-purċissjoni skond kif anness"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.9.2** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6202/22/8** "biex jinġieb servizz ta' *fire engine* waqt il-marċ tal-ħamis organizzat mill-Banda"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**52.9.3** Il-Kuns M Lombardo rringrazzja lil kull min attenda għar-riċeviment marbut mal-festa li ttellgħa nhar l-Erbgħa 29 ta' Ġunju u saħaq li r-riċeviment kien wieħed ta' kwalita'. Appella lill-membri preżenti biex jattendu għall-attivitajiet relatati mal-festa mtellgħin mill-għaqdiet tal-lokal.

Is-Sindku rringrazzja lill-Kuns M Lombardo u ħeġġeġ lill-membri biex jattendu għall-kumplament tal-attivitajiet relatati mal-festa tal-lokal.

## 52.10 KORRISPONDENZA

**52.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 52.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**52.11.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-kunsill flimkien mas-Sur S Compagno kellu laqgħa mal-Ministru Roderick Galdes fejn ġie diskuss il-proġett tal-Housing fi Triq ix-Xemx u l-Qamar. Rigward il-bankini għandha tiġi diskussa l-possibbilta' li jitwessgħu anke biex jiżdiedu s-siġar u l-pjanti fejn is-Sur Zerafa, min-naha tal-Ministeru kkonferma li se jsiru diversi soft areas fiż-żona anke biex ikunu jistgħu jitgawdew mir-residenti kollha.

**52.11.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li saret laqgħa tas-Superjur tal-Museum tas-Subien kif ukoll mas-Soċju Michael Mizzi rigward il-proġett ta' Ġnien Reggie Miller. Dawn jinsabu mħasba dwar il-ħruġ tat-tfal u s-sigurta' tagħhom. Iżda l-għeluq tat-triq xorta jista' jsir minn Triq il-Karmelitani jew minn Triq Anġlu u Marianna Camilleri. Ġie diskuss ukoll ir-railing li qed jiġi mmanifatturat għal tal-apposta sabiex jitwaħħal fuq il-bankina quddiem l-entratura tal-Museum peress li l-istess Soċjeta' tal-museum għandha applikazzjoni li ġiet approvata sabiex jitwaħħal *chairlift* u b'hekk se tkun qed terġgħa tidjieq il-bankina. Għal dan il-Kunsill ħaseb ukoll sabiex ir-railing jitwaħħal iżda mhux fiss biex anke jekk ikun hemm bżonn li jiddaħħal oġġett kbir ikun jista' jinqala' parti minnu u jiddaħħal fil-kumdita' u bla ebda tfixkil.

Il-Kuns M Lombardo saħaq li fil-ħin tal-Museum ikun hemm massa ta' nies u għalhekk għandha tinstab soluzzjoni biex it-triq tingħalaq waqt il-ħin tal-museum.

Il-Kuns C Bonello spjega li dan il-każ għadu bikri wisq u l-ewwel biex jiġi mitkellem dan is-suġġett għandu jkun hemm bidu tal-proġett innifsu.

**52.11.3** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kuns A Tanti li mhuwiex preżenti iżda se jkun xorta waħda qed iressaq mozzjoni ref: **6203/22/8** 'Sabiex dan il-Kunsill

jagħmel Xarabank bħala transport għal-logħba tat-tfajliet fit-team Nazzjonali li ser tintlagħab fit-2 ta' Settembru 2022 għall-ispiza ta' mhux iktar minn €300'

Fin-nuqqas tal-Kuns. Tanti, din il-mozzjoni giet addottata mis-Sindku bhala l-proponent.

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.11.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6204/22/8** "Sabiex jiġu nstallati 2 CCTV Cameras fil-*Public Convenience* li jinsab fi Pjazza Patri Redent Gauci fejn għandhom jitpoġġew fl-*anti-room* peress li ċertu vandaliżmu qed issir f'din il-parti u ma nkunu nistgħu nieħdu l-ebda passi peress li l-camera preżenti ma twassalx f'din iż-żona. L-ispiża m'għandix tkun iktar minn €2,000 bil-vat inkluża"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.11.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6205/22/8** "Sabiex issir molla mal-bieb li jinsab fil-garaxx u li minnu titla' għall-bitħa. L-ammont ma għandux ikun iktar minn €250 bil-vat inkluża"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.11.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6206/22/8** "B'referenza għall-mudelli li ngħataw lil dan il-Kunsill mingħand bint Paul Muscat, dan il-Kunsill għandu jagħmel vettrini għal tal-apposta sabiex il-mudelli jiġu miżmuma fiha u tibqa' titgawda mill-pubbliku. L-ammont ma għandux ikun iżjed minn €2,600"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.11.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6207/22/8** "Sabiex jitqabbad persuna biex iddur is-*sealer* tal-Uffiċċini Amministrattivi peress li nġibdet l-attenzjoni li f'ċertu partijiet is-*sealer* spiċċa. L-ammont ma għandux ikun iżjed minn €500"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 52.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**52.12.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li kellu laqgħa mas-Sur Islam Baatout rapreżentant tal-BNF Bank wara li dan tal-aħħar wera x-xewqa li jkun parteċipi fi proġett ta' tisbieħ. Is-Sindku spjega li wara li ddiskutew il-possibiltajiet, is-Sur Islaam Baatout xtaq li ssir *clean up*. Għal din il-*clean up* is-Sur Baatout informa lill-Kunsill li l-BNF lest li joħroġ l-ispejjeż u jkun jista' jwaħħal tabella fejn tindika li l-post tnaddaf minn fondi maħruġa minn BNF Bank.

Dwar dan saret diskussjoni mill-membri tal-kamra fejn ma kienx hemm qbil u ġie deċiż li tintbagħat ittra lis-Sur Baatout fejn jiġi mistoqsi jekk il-*clean-up* hux se ssir mill-ħaddiema tal-istess bank u li l-proġett li kellu f'moħħu l-Kunsill kien li tinstab żona fejn jista' jsir tisbieħ permezz ta' fjuri u pjanti.

**52.12.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li għalkemm intbagħtu bosta imejls u saru diversi telefonati lill-kuntrattur tat-toroq, l-imsemmi kuntrattur għadu ma bediex ix-xogħolijiet. Għaldaqstant is-Sindku propona li tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur tat-toroq wara li saru diversi tentattivi biex jinbeda x-xogħol li tali xogħol għadu ma bediex.

Wara diskussjoni li saret mill-membri preżenti, Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: **6208/22/8** "sabiex il-Kunsill jieħu azzjoni skont it-*tender document* kontra l-kuntrattur li rebaħ it-tender tal-bankini u manutenzjoni u dan minħabba li naqas milli jimxi u jeżegwixxi x-xogħol skont il-BOQ's maħruġa mill-Kunsill. Inkluż il-ħruġ tad-*default notice/s* jekk ikun il-każ"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.12.3** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: **6209/22/8** "sabiex il-Kunsill iqabbad il-perit tal-Kunsill biex jirranġa l-pjanta annessa, b'mod li l-ħwat li hemm eżistenti ma jitneħħewx. B'hekk il-parkeġġ fi Triq is-Sur (parti tal-iskola), ser jiżdied skond l-istess pjanta"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.12.4** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-membri tal-kamra li ntbagħtet lilhom il-pjanta li ħejja l-Perit William Lewis dwar il-proġett ta' *Slow Streets* fejn talab lill-membri biex fil-laqgħa li jmiss jiġu bil-veduti tagħhom dwar dan. Il-Kuns M Lombardo ġibed l-attenzjoni li r*oundabout* ta' fejn l-HSBC mhux tidher fuq il-pjanta. Għal dan is-Sindku wieġeb li din ir-*roundabout* se tkun parti mill-proġett. Il-Kuns C Bonello staqsa għalfejn bejn Triq San Ġwann u Triq Sant'Antnin se jkun qed jiġi rivedut il-parkeġġ bil-konsegwenza li l-parkeġġ se jkun qed jonqos u b'hekk se jkun qed jiżdied l-inkonvenjent lir-residenti ta' din iż-żona. Is-Sindku talab lid-deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tieħu nota dwar dan li għadu kif ingħad. Il-Kuns R Ellul spjega li ġaladarba fit-triq prinċipali l-karreġġjata se tiġi karreġġjata waħda, dan il-Kunsill għandu jivverifika mal-perit tal-istess Kunsill jekk il-parkeġġ jistgħax isir *fishbones* biex b'hekk jintrebaħ iżjed parkeġġ. Dwar dan ġie kkonfermat li minħabba l-qisien dan mhux possibli li jsir. Is-Sindku spjega li l-qisien tal-bankini se jkunu 4.5metri u 4.2 metri. Il-Kuns M Lombardo staqsa fiż-żona li hemm ix-xelter il-kaxxa li jidhru fil-mappa x'qed jirrappreżentaw. Għal dan is-Sindku wieġeb li dak huwa parkeġġ. Is-Sindku kompla jispjega li l-monument tas-salib ukoll se jkun qed jiċċaqlaq lejn il-ġenb tat-triq Nazzareno Farrugia. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li dwar il-parkeġġ fi Triq Nazzareno Farrugia d-disinn tal-parkeġġ huwa skorrett hekk kif irid jiġi bil-maqlub la l-vetturi se jkunu qed jidħlu mit-triq prinċipali għal triq Nazzareno Farrugia. Il-Kuns M Lombardo stqarr li jaqbel mal-proġett perse'. Il-Viċi Sindku qal li l-kummenti kollha li ġew diskussi huma kollha kemm huma kummenti validi u kulma jrid iżied huwa li jiżdiedu s-*soft areas*. Il-Kuns M Fava wera d-dispjaċir tiegħu għal kunċett li l-Perit tal-Kunsill ma fehemx il-kunċett ta' *slow streets*, fejn minn proġett ħolistiku u kbir jaqbad biss Triq Hompesch. Il-proġett perse'jirrekjedi diversi toroq fl-istess żona fejn triq wara l-oħra jitnaqqas il-livell ta' aċċelerazzjoni fejn hemm qed tindika li dieħel f'żona ta' *slow streets*. Jekk il-perit ried li jagħmel dan il-proġett kif qed jiġi ppreżentat ma għandux problemi li jsir iżda l-ewwel ħaġa ma għandux jissejjaħ *slow streets* għax kif indikat fl-isem huwa proġett ta' diversi toroq u t-tieni ħaġa se jkun qed jintilef il-benefiċċju marbut mal-proġett. Il-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni wkoll li fil-pjanti hemm indikat li se jsiru siġar mal-art biex jekk se jsir hekk għandu jibqa' hekk mhux imbagħad isiru siġar fil-pots. Il-Kuns M Fava ta eżempju dwar Triq Hompesch qed jindika li ġejja karreġġjata waħda direzzjoni lejn Paola imbagħad Triq bħal Wistin Levanzin titħalla b'żewġ direzzjonijiet opposti, fejn fl-opinjoni tal-Kuns M Fava għandha ssir konsultazzjoni wiesgħa mar-residenti fejn jiġi spjegat lilhom

il-proġett x'inhu u għalfejn se jkun qed isir u minn hemm il-kunsill jimxi. Il-Kuns M Fava qal li din hija l-aħħar opinjoni li se jkun qed jgħati wara d-diversi drabi li ta l-opinjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Is-Sindku ndirizza lill-membri tal-kamra fejn qal li quddiem il-każin tal-Banda mhu se jsir xejn ħlief bankini, parkeġġ u siġar. Dwar l-ippjantar tas-siġar se jsiru kif indikati fil-pjanta u fejn hemm is-siġar mal-art se jitħawlu mal-art u fejn hemm bil-pots se jkunu qed jinżergħu fil-pots. Is-Sindku talab lill-membri tal-kamra biex jibgħatu l-proposti tagħhom permezz ta' imejl sabiex jiġu diskussi mal-perit u l-membri tas-sotto kumitat tal-*islow streets*, fejn wara l-kunsill se jerġgħa jagħti rendikont ta' dak li jiġi diskuss waqt il-laqgħa lill-membri tal-kunsill.

## 52.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**52.13.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva rikjesta mingħand is-Sna M Micallef dwar *un/loading bay* quddiem l-istabbiliment tagħha li jinsab fi Triq is-Sur. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6210/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jżomm mal-pożizzjoni tiegħu u ma jilqax it-talba tas-Sinjura Moira Micallef sabiex issir *un/loading bay* quddiem il-ħanut tagħha li jinsab fi Triq is-Sur"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 52.14 STAFF

**52.14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6211/22/8** "sabiex skrivan fi Skala 15 *notch* 6 jitla' *notch* 7"

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 52.15 MOZZJONIJIET

**52.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 52.16 PLANNING AUTHORITY

**52.16.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra dwar il-permess PC 9/22 fuq il-*building alignment*, fejn fis-*South local plan* tidher imxatra, iżda l-applikant se jkun qed joħroġ parti żgħira fuq il-bankina. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6212/22/8** "Dan il-kunsill għandu jżomm il-pożizzjoni mal-*curreny allignment* li hemm preżenti. Dan minħabba li l-Kunsill għandu pjanijiet kemm ambjentali kif ukoll ta' *slow streets*. F'każ li jkun hemm bdil fil-*current allignment* il-Kunsill se jkun qed jieħu passi legali immedjatament"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 52.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**52.17.1** Il-Kuns C Bonello qal li rigward id-dawl tal-bażi tal-way marker saret il-laqgħa mal-*Electrician* u qed nistennew kwotazzjoni mingħandu. Dwar il-bażi qed nistennew mingħand il-kuntrattur sabiex jibda' x-xogħol ix-xahar id-dieħel. Il-Kuns C Bonello kompla billi ndirizza lid-deputat Segretarju Eżekuttiv u japprezza jekk il-kuntrattur jiġi kkuntattjat sabiex jgħati data defenittiva lill-Kunsill meta ser jibda' sabiex isir il-kordinament meħtieġ flimkien mal-*Electrician*.

Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li fir-rigward tan-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja, il-kunsill għadu qed jistenna risposta dwar l-iskema li l-istess Kunsill applika għaliha.

**52.17.2** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li rigward l-arblu ta' Triq il-Karmnu saret laqgħa mal-kuntrattur tal-irħam u qed naraw eżatt il-qies tal-irħam. Sadanitant, l-arblu l-ġdid weħel f'postu. Hekk kif ikollna l-irħam u jitwaħħal, dan il-proġett jiġi konkluż. Il-ġimgħa d-dieħla se tkun qed issir laqgħa mal-kuntrattur li se jkun qed jagħmel l-irħam tal-fonzuspizju. Rigward it-tpoġġija tal-istess arblu, il-Kummissjoni Festa Esterna nfurmaw lill-Kuns C Bonello li l-arblu lest u se jkun qed jitpoġġa fil-jiem li ġejjin.

**52.17.3** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li hekk kif diġa sar qbil fil-laqgħat preċedenti, l-arblu l-qadim ta Triq il-Karmnu ser jiġi aġġustat u jitwaħħal fi Triq il-Koppla k/m San Mikiel. Il-Kuns C Bonello qal li għandha tiġi esplorata l-possibilita' sabiex tintuża l-istess teknika u bażi kif sar fi Triq il-Karmnu. Jekk hemm qbil il-kunsill ikun jista' jipproċedi.

**52.17.4** Il-Kuns C Bonello qal li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand Heritage Malta u l-familja Camilleri Cauchi sabiex jgħatuna iktar dettalji dwar il-materjal li ser jiġi esebit f'din il-Wirja. Is-Sindku nforma lill-Kuns C Bonello li l-qisien mingħand Heritage Malta ġew mgħoddija lill-Kunsill fejn dan tal-

aħħar għaddihom lil Chev A Camilleri Cauchi. Dwar dan il-Kuns C Bonello talab li tingħatalu kopja tal-imejl.

.

**52.17.5** Il-Kuns C Bonello informa lill-membri tal-kamra li fuq ir-restawr tax-Xelter fl-aħħar il-permess mingħand il-*Lands Authority* għall-aċċess ħareġ u għalhekk ix-xogħol fuq it-tindif, it-twessiegħ tal-bokka u s-*survey* ser ikunu jistgħu jsiru. Dan ix-xogħol għandu jibda' iktar tard dan ix-xahar

**52.17.6** Il-Kuns C Bonello nforma lill-membri tal-kamra li r-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu f'Wesgħa Reggie Miller, huwa kompletament lest u l-istatwa flimkien mal-bażi ġew mikxufin sabiex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku

**52.17.7** Il-Kuns C Bonello qal li dwar it-tibdil tal-isem ta' Triq Patri Mawrizju qed jistenna konferma meta ser ikunu lesti l-plakkek tal-isem tat-triq sabiex il-kunsill ikun jista' jorganizza l-ftuħ ta' din it-triq. Informa wkoll li d-data titħabbar iktar 'il quddiem pero' qed jassumi li tkun bejn l-aħħar ta' Lulju u l-bidu t'Awwissu

**52.17.8** Il-Kuns C Bonello qal li rigward l-inizjattiva għat-tfal bl-isem 'Tpinġija għall-Festa', kellna parteċipazzjoni ta' madwar 35 tifel u tifla u r-ritratt ta dawk li ħadu sehem ser jittieħdu għada fil-każin tal-Banda. Dawn ir-ritratti se jkunu qed jinġabru fi ktieb u jekk jinżammu d-dati mingħand kull min hu nvolut il-preżentazzjoni ssir fil-ftuħ tat-triq ta' Patri Mawrizju. Għaldaqstant ressaq mozzjoni ref: **6213/22/8** "Mozzjoni ta' €1,200 sabiex isir il-ktieb u ċ-ċerimonja ta' preżentazzjoni marbuta mal-Inizjattiva 'Oħloq Tpinġija għall-Festa 2022"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**52.17.9** Il-Kuns C Bonello ħabbar li rigward l-Iskema Kulturali 2022 li dan il-kunsill applika għaliha, l-istess Kunsill irċieva r-riżultat tal-iskema u ngħata s-somma ta' €13,041.07. Dawn ser ikunu qed jitnaqqsu mill-ispiża li l-Kunsill għamel fil-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka. Parti minn dawn il-flus li ffranka l-Kunsill se jmorru għall-Kunċert tal-Milied sakemm ma nġibux fondi minn xi skema oħra.

**52.17.10** Il-Kuns C Bonello qal li rigward Triq San Titu Brandsma l-Kunsill ġie nfurmat informalment li din l-applikazzjoni ġiet aċċettata pero' għadna qed nistennew il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern

**52.17.11** Il-Kuns C Bonello qal li rigward Triq Madre Tereza ta' Kalkutta l-proċess beda u l-korrispondenza lill-Kumitat tat-Tismija tat-toroq ser tinbagħat

fil-ġranet li ġejjin. Se ssir applikazzjoni ħalli t-triq tiġi aġġornata u tiġi taqra Triq Santa Tereża ta' Kalkutta.

**52.17.12** Il-Kuns C Bonello qal li kif ġa mitkellem fil-laqgħa ta' Jannar li għaddha, bdew id-diskussjonijiet flimkien mal-Viċi Sindku sabiex kemm il-Milied Riċiklabbli kif ukoll il-kunċert tal-Milied ikunu magħmulin fuq tmiem il-ġimgħa wieħed sabiex noħolqu attivita' kulturali u ambjentali waħda.Dwar dan talab lis-Sindku sabiex iressaq mozzjoni l-Viċi Sindku f'dan ir-rigward. Is-Sindku afferma u għaldaqstant il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: **6214/22/8** "Mozzjoni sabiex fil-*weekend* ta' 16 u 17 ta' Diċembru 2022 jsiru l-Kunċert tal-Milied u l-attivitajiet marbuta ma' Milied Riċiklabbli flimkien ma' diversi għaqdiet tal-lokal"

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 52.17 MISTOQSIJIET

**52.17.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 52.18 AĠĠORNAMENT

**52.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:55hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 3 ta' Awwissu, 2022 fis-18:00hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Is-Sinjura Ritianne Bonnici |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 6 ta' Lulju, 2022